**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**OMISSIS**

Numru 51/2013

Illum 16 ta' Frar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **OMISSIS**, akkuzat talli fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Mejju 2013 u fis-snin ta' qabel gewwa diversi postijiet f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ipproduca, biegh jew xorta ohra ttraffika r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u

dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) u 8 (d), tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu droga r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) u 8(d), tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta Cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) u 8(d), tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu droga ristretta u psikotropika (ecstasy), kontenenti, is-sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-ligi taht it-tielet skeda, parti (a) tal-Ordinanza Dwar il-Professjoni Medika u l-Profissjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizazzjoni u permess bl-imsemmija ligi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal tal-Gvern, skont id-disposizzjonijet tar-4 u tas-6 taqsima tal-ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li

jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regoli 1939 dwar il-Kontroll Interni tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar Il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "A") u l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-

Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta) (Dok. "B");

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjorija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-difiza fejn kien hemm qbil dwar il-parametri li l-Qorti ghandha timxi maghhom meta taghti l-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat per ammissjoni tiegħu stess (*a fol.* 63 *et seq.*) kien jaghmel konsum qawwi tad-droga. L-ewwel darba li beda jpejjep il-cannabis kien meta daħal fis-Sixth Form u cioe fl-età ta' 16–il sena. Fl-istqarrija tiegħu meta mistoqsi meta beda jagħmel użu mid-droga Cannabis huwa wieġeb:

> *"Kelli sittax–il sena kont għadni is-sixth form. Niftakar li għal ewwel sentejn kont nieħu joint darba fill u mbagħad ta' tmintax – il sena sa għoxrin sena kont bdejt inpejjep il-ħaxixa fuq bażi regolari, jiġifieri tlett darbiet fil-gimgħa speċjalment fil-weekends u minn għoxrin sena sal-lum il-ġurnata kważi kuljum."*

Mistoqsi waqt l-istqarrija tiegħu kemm ipejjep kuljum l-imputat wieġeb:

*"Ngħid li madwar erba' jew ħames joints kuljum matul il-gimgħa għax inpejjep filgħaxija x'ħin neħles mix-xogħol u fil-weekends billi ma naħdimx inpejjep bejn tmienja u ħdax–il joint".*

Mistoqsi kemm jikkalkula kemm juża mill-blokka tal-Cannabis kuljum wieġeb:

*"Ngħid li nikkalkula li nikkonsma madwar seba' jew tmien grammi fil-ġimgħa."*

Huwa kien jagħmel abbuż minn numru ta' drogi preċedentement bħal kokaina u eroina però mbagħad baqa' jikkonsma biss il-Cannabis.

L-imputat kien juża' d-droga biex jistrieħ mill-problemi li kellu fosthom id-dipressjoni li kien ibati minnha. Hu kien jieħu l-mediċina fosthom il-mediċina bl-isem ta' *Seroquel* li tintuża għat-trattament ta' skizofrenija, disturb bipolari, u flimkien ma' anti-dipressant għall-kura ta' mard depressiv maġġuri. Din il-mediċina xi kultant tintuża bħala għajnuna ta' rqad minħabba l-effett sedattiv tagħha, iżda dan l-użu mhuwiex rakkomandat. Kien għalhekk ukoll li l-imputat kien jagħmel kunsum daqstant qawwi tal-Cannabis u kien isib is-serħan f'din it-tip ta' droga minħabba l-effetti tagħha.

L-imputat għamel progress sostanzjali f'ħajtu. Mill-istqarrija li huwa kien għamel mal-Pulizija huwa kien indika li kien jagħmel użu ta' droga ta' kuljum. Illum il-ġurnata l-imputat għandu impjieg u ma reġax xellef dufrejh mal-ġustizzja sal-ġurnata tal-lum.

L-imputat kien jieħu d-droga sforz l-immaturita' u l-problemi psikjatriċi li kien għaddej minnhom meta fil-fatt għamel xi żmien ibati minn dipressjoni u sfortunatament sab serħan fid-droga. Illum il-ġurnata rriforma ħajtu bl-għajnuna ta' istituzzjonijiet non-governattivi u s-sapport li sab mill-familjari tiegħu. Matul dawn il-

proċeduri huwa dejjem attenda għas-seduti u dejjem osserva l-obbligazzjonijiet fuqu imposti meta ngħata l-liberta' proviżorja.

L-imputat kien jagħmel biss ħsara lilu nnifsu meta kien qiegħed jikkonsma d-droga u llum il-ġurnata rriabilita ruħu b'suċċess fis-soċjetà.

Ma jirriżultax li l-imputat kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina. L-espert li ġie mqabbad minn din il-Qorti, l-Ispizjar **Godwin Sammut** (*a fol.* 177 *et seq.*) fir-relazzjoni tiegħu ma rriżultalux li kien hemm preżenza ta' eroina. Illi jidher li mir-riżultati li ppreżenta l-Ispizjar Godwin Sammut li l-miżien irriżulta pożittiv għall-kokaina. Pero' minkejja li r-riżultat kien pożittiv il-piż irreġistrat kien żero.

Illi kif xehed l-Uffiċjal Prosekutur stess, l-**Ispettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 20 *et seq.*), kien l-imputat li indika lill-Pulizija fejn qiegħda d-droga ġewwa l-appartament tiegħu.

> *Kelli xi informazzjoni fuqu illi dan l-aħħar kien qed jittraffika d-droga tal-kannabis fejn ukoll kelli informazzjoni l-istess droga s-Sur OMISSIS qed jaħbiha ġewwa plugs fl-istess appartament. Jien fil-fatt tajt struzzjonijiet.*
>
> *[...]*
>
> *Jien fil-fatt kont tajt struzzjonijiet lill-pulizija sabiex jagħmlu tfittxija oħra u kif ukoll iżarmaw l-istess plugs tal-elettriku biex jaraw jekk hemmx xi droga moħbija ġewwa l-istess plugs u fil-fatt irriżulta illi f'xi plugs minnhom kien hemm blokok, numru ta' blokok kannella suspettata kannabis.*
>
> *[...]*
>
> *Le, is-Sur OMISSIS tista' tgħid ikkollabora immedjatament mal-pulizija fejn anke x'ħin marru fuq il-post għamlu tfittxijiet għat-tieni darba kien hu stess li indika lill-pulizija liema huma dawk il-plugs tal-elettriku fejn kien hemm id-droga moħbija wara liema plugs. Ikkonferma wkoll li fil-fatt kienet droga kannabis kif ukoll*

*sussegwentement dakinhar fl-għaxra (10) ta' April, fl-għaxra (10) ta' Mejju stess wara li rrilaxxja l-istqarrija, huwa rrilaxxja żewġ stqarrijiet, kien tressaq b'arrest quddiem il-Maġistrat fejn kien ukoll ikkonferma l-istess żewġ stqarrijiet bil-ġurament quddiem l-istess Maġistrat.*

Id-difiza ssostni li l-mod kif kienet miżmuma d-droga turi li kienet intiża għal użu personali. Id-droga kienet maqsuma f'diversi biċċiet b'piż differenti li juri li din inqatgħet bl-addoċċ biss sabiex tkun tista' titqiegħed fil-plakki tad-dawl u mhux biex tinbiegħ jew tiġi traffikata għaliex altrimenti kien ikun meħtieġ li din titqatta' f'partijiet ta' piż indaqs u għamla pulita.

L-imputat għen lill-pulizija mill-bidu nett u ċioe' meta ta l-istqarrija tiegħu. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat (*a fol.* 63 *et seq.*) mill-ewwel indika min kienet il-persuna li biegħhitlu l-kannabis li kellu fil-pussess tiegħu. Indika wkoll li meta kien jieħu droga oħra, mistoqsi mingħand min kien jixtriha l-imputat indika dawk il-persuni u għalhekk il-prosekuzzjoni kienet f'pozizzjoni li tieħu passi ulterjuri fil-konfront ta' persuna oħra. Din l-għajnuna kienet inkondizzjonata u hu dejjem baqa' lest li jagħti kwalunkwe informazzjoni li huwa għandu fil-pussess tiegħu bħalma diġa' għamel fiż-żewġ stqarrijiet li għamel mal-Pulizija.

L-Uffiċċjal Prosekutur, l-**<u>Ispettur Bernard Charles Spiteri</u>** (*a fol.* 59 *et seq.*), spjega dwar kif l-imputat kixef kif akkwista d-droga u minghand min:

*OMISSI kien qalilna wkoll illi kien xtara sapuna ftit tal-ġranet qabel, eżattament aħna konna qegħdin inkellmuh nhar l-għaxra (10) ta' Mejju u hu kien qalilna eżattament fit-tlieta (3) ta' Mejju tal-istess sena hu kien xtara sapuna sħiħa illi kienet tiżen mitejn u ħamsin gramma (250 gms). Hu kien qalilna li din is-sapuna kien xtraha għal prezz ta' elf u ħamsin Ewro (€1,050) u kien indikalna wkoll minn fejn kien akkwistaha. Fil-fatt kien anke*

*wkoll aċċetta illi jagħti stqarrija bil-ġurament rigward din is-sapuna.*

Illi l-fedina penali tiegħu sal-lum il-ġurnata għadha ukoll waħda netta.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Il-Qorti fid-decizjoni li se tiehu se zzomm quddiem ghajnejha ghadd ta' dikjarazzjonijiet mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn trattaw reati varji marbuta mad-droga u l-fatt li jekk persuna tikkollabora mal-pulizija kif gara fil-kaz odjern, l-imputat igawdi tnaqqis fil-piena.

**<u>Pussess aggravat</u>**

Dwar l-elementi tal-pussess ghall-fini tal-ligi dwar id-droga, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs John Borg** fit-23 ta' Gunju 1997, intqal hekk:

> *"Dwar x'jammonta ghal pussess ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan**. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li l-presenza ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha xi forma ta' kontroll tista', taht certi cirkustanzi, tammonta ghal pussess ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll **P. v. Charles Clifton**, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982)."*

In oltre fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya bint Abdellatif** tas-16 ta' Frar, 1998 inghad hekk:

*"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar min "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is- segwenti sentenzi: **P vs Charles Clifton**, 5/7/82, **P vs Martin Xuereb**, 20/9/96, **P vs Seiffedine Mohamed Marshan**, 21/10/96, u **P vs John Borg**, 23/6/97, kollha appelli kriminali)."*

Dwar ir-reat tal-pussess bl-aggravanti, intqal hekk fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Marius Magri**:

*"Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-*

*droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed."*

**<u>Traffikar</u>**

Il-Qorti tirreferi wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Awwissu 1998, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Marvin Cachia**, fejn l-istess Qorti rriteniet hekk dwar traffikar:-

> *"Il-Qorti tosserva qabel xejn li meta wiehed ikollu d-droga (f'dan il-kaz raza tal-cannabis) u jew jaqsamha ma' haddiehor (anke jekk mhux ghall-flus jew xi korrispettiv iehor) jew jippermetti lil haddiehor li juza minnha, ikun hemm traffikar skond il-ligi. Anke jekk wiehed ihalli d-droga f'post accessibbli ghal terzi u fejn jaf li x'aktarx ser tittiehed minn haddiehor, u din effettivament hekk tittiehed, ikun hemm traffikar".*

Il-Qorti m'ghandha xejn izjed x'izzid ma' dan kollu. Ghar-rigward tal-pussess bl-aggravanti, imbaghad, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Jason Mallia**, moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 (Appell Nru. 130/1999), fejn inghad hekk fir-rigward tar-reat in kwistjoni:

> *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali*

*pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu' il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha."*

Huwa wkoll evidenti ghalhekk mill-verzjoni moghtija mill-imputat, illi l-pussess tad-droga Cannabis da parti tieghu kien wiehed aggravat. Rigward id-droga l-ohra li tissemma fil-kaz, din kienet pussess semplici u l-pulizija hargu akkuzi dwarhom minhabba d-dikjarazzjonijiet tal-imputat meta rrakkonta x'ha fil-passat (*a fol.* 65). Hija prassi tal-pulizija li meta persuna ssemmi xi tip ta' droga li tkun hadet fil-passat, anke jekk din ma tkunx instabet fil-pussess tal-persuna, huma jakkuzawh b'tali pussess.

**<u>Xhieda kontra l-persuna li minghandha tkun inxtrat</u>**

Skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skont l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem Magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghlha jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

U kif intqal ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Mejju 2003, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Pierre Gravina**:

*"... meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontro-ezaminah dwarha. S'intendi, dan ma jfissirx li jekk ix-xhud, meta jigi ezaminat jew kontro-ezaminat, ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata, allura dik id-dikjarazzjoni (jew il-parti mibdula jew ritrattata) ma tkunx aktar tista' tittiehed bhala prova kontra l-akkuzat; il-gudikant jista' xorta wahda, wara li jkun sema' lix-xhud, jasal ghall-konkluzzjoni li il-verita` hija dik kontenuta fl-istqarrija guramentata u mhux dak li jkun iddepona fil-qorti x-xhud."*

**Hard and fast rule**

Din il-Qorti taqbel ma' dak dikjarat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Brian Caruana**,

*"kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il- gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".*

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-kaz m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-imputat instab fil-pussess ta' circa 245 gramma u skont ir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut (*a fol.* 177 *et seq.*) jirrizulta illi dawn il-bicciet kienu droga Tetrahydrocannabinol (THC) fejn il-purita' kienet ta' circa 6.5%.

Id-difiza tikkontendi illi l-imputat kellu l-vizzju tad-droga u li allura d-droga misjuba fil-pussess tieghu kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu.

Il-Qorti tqis li l-ewwel (1) imputazzjoni, bit-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjonijiet assorbiti fiha gew sodisfacentement ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi. Rigward r-raba' (4), l-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet bl-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija rilaxxata lill-Pulizija tal-10 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 65) huma sodisfacentement ippruvati fil-grad rikjest mil-ligi.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-flagell tad-droga tkellem Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lil dawk li ħadu sehem fil-31 edizjoni tal-***"International Drug Enforcement Conference"*** nhar il- Ġimgħa, 20 ta' Ġunju 2014.

> *Il-flagell tad-droga qed ikompli jinxtered f'forom u f'dimensjonijiet li jimpressjonawk; hu sostnut minn suq moqżież li ma jafx bi fruntieri nazzjonali u kontinentali. U b'hekk qed ikompli jikber il-periklu għaż-żgħażagħ u għall-adolexxenti. Quddiem fenomenu bħal dan, inħoss il-ħtieġa li nuri n-niket u l-preokkupazzjoni tiegħi.*
>
> *Irrid ngħid b'mod ċar ħafna li d-droga ma tintrebaħx bid-droga! Id-droga hi xi ħaġa ħażina, u fejn hemm dak li hu ħażin la tista' ċċedi u lanqas tagħmel kompromessi. Żgur li l-problema ma ssolvix ruħha billi wieħed jaħseb li ser inaqqas il-ħsara jekk jagħti*

*permess li jintużaw psikofarmaċi minn dawk il-persuni li jkomplu jagħmlu użu mid-droga. Il-legalizzazzjoni ta' dawk li jissejħu "drogi ħfief", anki jekk din tkun parżjali, mhux biss hi xi ħaġa diskutibbli fuq livell leġiżlattiv, iżda lanqas ma twassal għall-effetti maħsuba. Imbagħad, id-drogi sostituttivi mhumiex terapija suffiċjenti, imma huma mod mistur kif wieħed iċedi għal dan il-fenomenu. Nerġa' nisħaq fuq dak li ġa għidt f'okkażjoni oħra: le għal kull tip ta' droga. Sempliċiment. Le għal kull tip ta' droga. (ara Udjenza Generali, 7 ta' Mejju 2014). Iżda biex ngħidu din il-le, jeħtieġ li ngħidu iva għall-ħajja, iva għall-imħabba, iva għall-oħrajn, iva għall-edukazzjoni, iva għall-isport, iva għax-xogħol, iva għal aktar opportunitajiet ta' xogħol. Naħsbu ftit f'dak iż-żagħżugħ li hu bla xogħol. Ikolli ngħid li dawk bla xogħol fl-Ewropa jgħoddu mal-75 miljun; hekk minn għalija, imma m'iniex ċert u ma rridx ngħid xi ħaġa li ma tkunx. Imma ejjew naħsbu ftit f'dak iż-żagħżugħ li la jagħmel ħaġa u lanqas oħra; la jistudja u lanqas jaħdem. Isib ruħu fejn m'hemmx xefaq, fejn m'hemmx tama, u l-ewwel ħaġa offruta jkunu d-dipendenzi, u fost dawn id-droga. Jekk iseħħu dawn "l-iva", ma jkunx hemm post għad-droga, ma jkunx hemm post għall-abbuż mill-alkohol jew għall-dipendenzi oħra.*

*Il-Knisja, fidila lejn il-mandat ta' Ġesù biex tmur kulfejn hemm xi ħadd li qed ibati, xi ħadd bil-għatx, xi ħadd bil-ġuħ, xi ħadd fil-ħabs (ara Mt 25,31-46), m'abbandunatx lil dawk li waqgħu fin-nassa tad-droga, imma marret tiltaqa' magħhom bl-imħabba kreattiva tagħha. Qabdithom minn idejhom, permezz tal-ħidma ta' tant operaturi u volontarji, biex huma jiskopru mill-ġdid id-dinjita' tagħhom u għenithom biex jerġgħu jagħtu l-ħajja lil dawk ir-riżorsi, lil dawk it-talenti personali li d-droga difnet imma ma setgħetx teqred la darba kull bniedem hu maħluq fuq is-sura u x-xbieha t'Alla (ara Gen 1,26). Iżda din il-ħidma ta' rkupru hi limitata ħafna, mhijiex biżżejjed. Hemm bżonn issir ħidma ta' prevenzjoni. Din tagħmel ħafna ġid.*

*L-eżempju ta' tant żgħażagħ li xewqana biex jinħelsu mid-dipendenza għad-droga jimpenjaw ruħhom biex jerġgħu jibnu ħajjithom mill-ġdid, hu stimolu biex wieħed iħares 'il quddiem b'fiduċja.*

**Ikkunsidrat:**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

*Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti

[1] Ref Ir-**Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[2] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun*

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti fid-decizjoni taghha ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li fid-depozizzjoni tieghu l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ghandu jibbenefika minn Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni.

Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-**Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani** nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013:

> "*Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din mhix utopija, nistgħu naslu għaliha. Mhix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw.*"

Din il-Qorti tipprova li meta taghmel Gustizzja kif hu mistenni minnha, ma tikkawzax aktar gerhiet, kif stqarr l-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech fil-25 ta' Novembru 2015:

> *Għalkemm il-ġustizzja hija kejl meħtieġ għas-soċjetà, l-esperjenza tixhdilna li bil-ġustizzja biss ma rnexxilniex inġibu l-ordni u l-paċi. Għalkemm għandna l-qrati bħala strutturi li jiggarantixxu l-ġustizzja, mhux biss ħafna feriti jibqgħu ma jagħlqux, imma xi drabi l-istess strutturi jikkawżaw ġerħat oħra.*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li stqarret il-President tar-Repubblika Marie-Louise Coleiro Preca fil-11 ta' Lulju 2014 waqt il-gradwazzjoni tal-Caritas:

> *"Aħna soċjetà li rridu nirriflettu tassew il-valur tal-imħabba u m'għandniex nitilfu lanqas persuna waħda minn fostna, għad-dulur li ġġib il-ħajja fid-droga".*

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Illi ghall-fini ta' piena, il-Qorti qieghda tikkunsidra fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat odjern, liema fedina penali kienet wahda netta u hekk baqghet sal-lum.

Tqis ukoll ghall-fini tal-ewwel imputazzjoni illi l-imputat instab fil-pussess ta' circa 245 gramma Cannabis u li din id-droga kienet maqsuma f'numru ta' bicciet.

Mill-banda l-ohra, il-Qorti qieghda tiehu in konsiderazzjoni wkoll kif l-imputat hadem sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga u dan bl-ghajnuna tal-Fondazzjoni OASI.

Jidher ukoll li l-imputat ghandu impjieg fiss u jghix hajja stabbli.

Illi fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru 1999, fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Carmel Spiteri**, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Jibqa' pero` il-fatt inkwjetanti tal-ammont ta' droga involuta, ammont li fih inniffsu kien jikkostitwixxi perikolu ghal terzi, ghax dak li jkun jista' facilment jiddeciedi li, flok ma juza d-droga esklussivament hu, jaqsamha ma' haddiehor."*

Ghalhekk, f'dak il-kaz il-Qorti xorta wahda ghaddiet sabiex tinfliggi piena karcerarja effettiva. Filwaqt illi din il-Qorti tikkondividi dan il-hsieb, fl-istess hin kull kaz irid jigi determinat a bazi tac-cirkostanzi partikolari tieghu u kif inghad, f'dan il-kaz, il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat odjern kienet wahda netta. Ghall-kuntrarju, fil-kaz hawn fuq citat, il-Qorti tal-Appell osservat illi l-appellant diga` kellu kundanna ohra dwar pussess ta' droga li

dwarha kien gie kkundannat ghal piena ta' multa u qieset illi l-imputat ma tghallimx mill-izbalji precedenti tieghu.

**Fic-cirkostanzi u fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, il-Qorti taqbel mas-suggeriment maghmul lilha mill-partijiet u dan fis-sens illi l-piena ghandha tkun wahda fil-minimu.**

M'hemm l-ebda dubju li r-reat ta' traffikar ta' droga huwa reat serju hafna u kull min iwettaq tali reat ghandu jirrispondi ta' ghemilu. Mill-banda l-ohra kull kaz ghandu l-fattispecje partikolari tieghu.

Din il-Qorti triq tappoggja lill-imputat li b'impenn shih u b'ghajnuna tal-familja tieghu hareg mill-hakma tal-vizzju mishut tad-droga.

Din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghti cans lill-imputat sabiex jirreintegra ruhu tajjeb fis-socjeta` li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Il-komputazzjoni li trid issir jekk il-piena tigi bazata fuq il-*minimum* u bil-beneficcji kollha permessi mil-ligi, kif ic-cirkostanzi jimmeritaw, hija s-segwenti: Il-piena minima ghar-reat ta' traffikar ta' droga hija ta' sitt xhur prigunerija.

Bi tnaqqis ta' zewg gradi skont l-artikolu 29 tal-Kap. 101, il-piena minima ta' sitt xhur prigunerija tinzel ghall-piena minima ta' xahar

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8 (a), 8 (d), 22(2), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, s-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap 31) tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-GN292/1939, l-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 17(e) u (f), 31(1)(b)(xiv) u 31(1)(b)(xiii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat OMISSIS hati tal-ewwel (1) imputazzjoni bit-tieni (2) u tielet (3) imputazzjonijiet assorbiti fl-ewwel (1) imputazzjoni, tar-raba' (4), tal-hames (5) u tas-sitt (6) imputazzjonijiet, u wara li ddikjarat li kienet ser tapplika riduzzjoni ta' zewg gradi ghall-finijiet tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101, qed tikkundannah ghal piena ta' xahar prigunerija effettiva u multa ta' hames mitt euro (€500).

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-multa tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas din is-somma jew parti minnha fiz-zmien lilu preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti tiddikjara li z-zmien li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz ghandu jitnaqqas miz-zmien li l-imputat irid jiskonta fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin in konnessjoni ma' din is-sentenza.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat OMISSIS sabiex sa zmien xahar mil-lum ihallas is-somma ta' mitejn u tlieta u disghin euro u tmienja u hamsin centezmu (€293.58) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert Godwin Sammut.[3]

[3] *a fol.* 177 *tergo*.

Il-Qorti;

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati, esebiti bhala Dokument "GS 2", hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Il-Qorti tirrakomanda illi f'dawn ic-cirkustanzi specjali, l-imputat izomm l-impjieg li kellu qabel gie sospiz.**

**Finalment l-Qorti tordna d-divjet ta' pubblikazzjoni ta' isem OMISSIS fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.**

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**